**QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**
**ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.**

**Illum l-Erbgħa, 25 ta' April 2018**

**Kawża Nru: 12**

**Rikors Ġuramentat Nru: 528 / 12 JA**

**Frank Paul Sammut**

**-vs-**

**Emanuel Sammut, Carmen Dalli, Julian Sammut, Josephine Sammut, Angelo Sammut, Albert Sammut, Theresa Sammut, Mario Sammut, John Sammut, u l-Avukat Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil li b'digriet tal-25 ta' Ġunju 2012 ġew nominati bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Catherine Muscat u lill-assenti Constance Sammut; u b'digriet tas-27 ta' Novembru 2017 Dr Yana Micallef Stafrace ġiet sostitwita minn Dr Yanika Bugeja bħala kuratriċi tal-istess assenti**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attur fit-28 ta' Mejju 2012 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi Maria Sammut (mart Francesco, bint Alfred Debono u Catherine nee' Vella, imwielda San Giljan), mietet fis-27 ta' Jannar 1980 u dan skont kif jirriżulta miċ-ċertifikat tal-mewt hawn anness (Dok 'FPS1').

Illi żewġha Francesco Sammut, li kellu l-karta tal-identita' numru 336813M miet fit-12 ta' April 2002 u dan skont kif jirriżulta miċ-ċertifikat tal-mewt hawn anness (Dok 'FPS2').

Illi mir-riċerki li saru kemm fir-Reġistru Pubbliku kif ukoll fir-Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Volontarja kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex (Dok 'FPS3' sa Dok 'FPS6') irriżulta illi l-patrimonji tad-*decuji* huma regolati permezz tas-segwenti tlett testmenti *unica charta* – (a) wieħed fl-atti tan-Nutar Dr George Bonello du Puis tas-6 ta' April 1961, (b) ieħor addizzjonali fl-atti tan-Nutar Dr Tonio Spiteri tas-6 ta' Jannar 1977 u (c) ieħor addizzjonali fl-atti tan-Nutar Dr Tonio Spiteri tat-23 ta' Novembru 1979 (Dok 'FPS7' sa Dok 'FPS9'), li permezz tagħhom, apparti dispożizzjonijiet legatarji t-testaturi nnominaw bħala eredi universali u proprjetarji u padruni assoluti ta' ġidhom kollu, f'sehem indaqs bejniethom, lil uliedhom kollha, bis-sostituzzjoni volgari u in mankanza bid-dritt tal-akkrexximent.

Illi d-*decuji* Maria u Francesco konjuġi Sammut kellhom tnax-il wild ossija; Frank Paul Sammut, Emanuel Sammut, Carmen Dalli, Julian Sammut, Josephine Sammut, Angelo Sammut, Albert Sammut, Theresa Sammut, Mario Sammut, John Sammut, Catherine Muscat u Constance Sammut (l-attur u l-konvenuti f'dawn il-proċeduri).

Illi l-kontendenti huma koproprjetarji tal-eredita' tal-konjuġi Maria u Francesco Sammut, fil-kwoti ta' sehem minn tnax (12) kull wieħed u waħda minnhom.

Illi għadda żmien biżżejjed mill-mewt tad-*decuji* u l-attur ma jixtieqx jibqa' iktar fi stat ta' komunjoni mal-konvenuti.

Illi l-konvenuti naqsu li jaddivjenu għal-likwidazzjoni u diviżjoni bonarja tal-assi in komuni bejn il-kontendenti kollha, *nonostante* diversi interpellazzjonijiet u konsegwentement l-attur ma għandux triq oħra għajr li jadixxi fil-Qorti.

Jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex m'għandhiex din il-Qorti, prevja d-dikjarazzjoni illi s-sehem ta' kull parti hija dik ta' sehem minn tnax ($^{1}/_{12}$) kull wieħed u waħda minnhom, jew kwalsiasi sehem verjuri li jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża:

(1) tillikwida l-assi ereditarji kollha tal-mejta Maria Sammut, jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti nominandi;

(2) tillikwida l-assi ereditarji kollha tal-mejjet Francesco Sammut, jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti nominandi;

(3) tordna l-qasma tal-assi ereditarji kollha tal-mejta Maria Sammut fi tnax-il parti ugwali jew f'dawk l-ishma li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u tordna l-assenjazzjoni rispettiva ta' tali ishma diviżi lill-kontendenti, jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti nominandi;

(4) tordna l-qasma tal-assi ereditarji kollha tal-mejjet Francesco Sammut fi tnax-il parti ugwali jew f'dawk l-ishma li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u tordna l-assenjazzjoni rispettiva ta' tali ishma diviżi lill-

kontendenti, jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti nominandi;

(5) f'każ illi l-beni formanti l-assi ereditarji tal-mejtin Maria Sammut u Francesco Sammut jirriżultaw mhux komodament diviżibbli bejn il-kontendenti, għaliex m'għandhiex din il-Qorti tordna l-bejgħ bil-liċitazzjoni tal-istess beni li mhumiex komodament diviżibbli bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji u r-rikavat relattiv jinqasam bejn l-kontendenti eredi skont il-kwoti lilhom spettanti;

(6) tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-att tal-likwidazzjoni u diviżjoni fuq imsemmija, fil-jum, ħin u lok li jiġi ffissat minn din il-Qorti għal dan il-għan, kif ukoll tinnomina kuraturi biex jirrappreżentaw l-eventwali kontumaċi fuq l-istess Att – kollox skont kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk tal-ittra legali tat-2 ta' Frar 2011, kontra l-konvenuti li minn issa jibqgħu nġunti għas-subizzjoni tagħhom.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Julian Sammut ippreżentata fl-20 ta' Marzu 2013 li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi huwa ma jopponix għall-ewwel talba attriċi.

2. Illi huwa ma jopponix għat-tieni talba attriċi.

3. Illi huwa ma jopponix għat-tielet talba attriċi.

4. Illi huwa ma jopponix għar-raba' talba attriċi.

5. Illi huwa ma jopponix għall-ħames talba attriċi.

6. Illi huwa ma jopponix għas-sitt talba attriċi.

7. Illi huwa ma għandu jbati l-ebda spejjeż ta' dawn il-proċeduri peress illi huwa qatt ma oppona għal-likwidazzjoni u d-diviżjoni tal-ġenituri tiegħu Francesco Sammut u Maria Sammut kif ingħad.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut Julian Sammut u l-lista tax-xhieda.

Semgħet il-provi;

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Frar 2018 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi kif huwa evidenti minn dak li ġja' ntqal, din hija kawża fejn l-attur qed jitlob il-qasma tal-wirt li wasal għandu u ħutu l-konvenuti l-oħra wara l-mewt tal-ġenituri tagħhom. Il-partijiet tħallew werrieta ndaqs permezz tat-testmenti imsemmija fir-rikors promotur;

Jidher li d-disgwid bejn l-attur u l-konvenuti tnissel mill-fatt li għal ħafna snin il-konvenuta Josephine Sammut kienet prokuratriċi ta' missierhom Francesco Sammut peress li dan ma kienx f'pożizzjoni li jieħu ħsieb tajjeb tiegħu nnifsu. Madankollu eżaminata fil-fond mill-abbli difensur tal-attur din qalet li hija ma tafx tikteb u qatt ma żammet rendikont tal-flus li pero' kienet tgħaddihom lil missierha u kienu jintefqu għall-bżonnijiet tiegħu. Tenut kont ta' dan għalhekk il-Qorti ma tistax tieħu kont dak li

kien idaħħal il-missier f'dak il-perjodu f'din il-qasma. Dan dejjem salv l-obbligu tal-istess mandatarja li tagħti rendikont jekk tiġi mitluba tagħmel dan.

Illi mill-provi rriżulta li l-mejta kellhom xi kontijiet bankarji ma' banek lokali li allura għandhom jinqasmu f'ishma ndaqs bejn il-partijiet. Hemm imbagħad proprjetajiet immobli li ma humiex evidentement komodament diviżibbli u kwindi l-Qorti se tordna l-bejgħ tagħhom bir-rikavat jinqasam ukoll indaqs bejn il-partijiet. Dawn jirriżultaw mid-dikjarazzjoni *"causa mortis"* illi saret mill-partijiet a fol 171 *et sequitur* tal-proċess u mir-riċerki esebiti.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi u għaldaqstant tordna li l-kontijiet bankarji kollha tal-mejta Francesco Sammut u Maria Sammut fil-Bank of Valletta u HSBC Bank (Malta) u f'kull istituzzjoni finanzjarja oħra lokali u estera jinqasmu f'ishma ta' $^{1}/_{12}$ kull wieħed lill-partijiet fil-kawża; tordna li l-proprjetajiet hawn taħt elenkati jinbiegħu bis-subasta taħt l-awtorita' tal-Qorti bl-ammissjoni tal-oblaturi estraneji, u dan wara li l-istess jiġu stmati għall-fini tal-bejgħ mill-A.I.C. Stephanie Cassar li qed tiġi nominata għal dan l-iskop. Ir-rikavat mill-bejgħ għandu jinqasam ukoll bl-istess mod.**

- **Il-fondi 50 u 52 St. Anthony Street, San Ġwann kompriża l-arja tal-istess istess;**

- **Il-porzjoni art diviża ta' kejl ta' ċirka 334 metri kwadi wżata bħala ġnien bejn żewġt idjar fi Triq in-Naxxar, San Ġwann;**

- **Il-kamra numru 14, Lia Street, il-Furjana.**

- **Kwart indiviż tad-dirett dominju ta' tlett appartamenti jisimhom Mimosa Flats, Geranium Flats u Carob Flats parti mill-kumpless ta' Dean Hamlet Holiday Complex, Upper Ross Street, San Ġiljan;**

**L-ispejjeż tal-kawża jinqasmu f'ishma ndaqs bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Onor. Joseph Azzopardi LL.D.**
**Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**